MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1551/1998/1

**Road Servicing Ltd.**

**vs.**

**General Road Services Ltd.**

**Il-Qorti;**

Dan huwa provvediment limitat ghall-kwistjoni, sollevata mill-Qorti *ex officio*, dwar jekk l-appell giex kawtelat skond il-ligi.

Il-fatti huma s-segwenti:

1. B'digriet moghti fil-21 ta' Lulju, 2003 din il-Qorti ordnat lill-partijiet biex jidhru quddiemha fid-19 ta' Jannar, 2004 fid-9.00 a.m. Id-digriet jghid esplicitament li ***"…il-Qorti ffissat is-smiegh ta' dina l-kawza ghal nhar it-Tnejn, dsatax (19) ta' Jannar, 2004 fid-9.00 a.m."*** (sottolinear ta' din il-Qorti).

2. Dana l-avviz ta' smiegh gie notifikat lis-socjeta` konvenuta appellanti fl-20 ta' Novembru, 2003.

3. Flimkien ma' l-avviz tas-smiegh gie notifikat ukoll lill-imsemmija socjeta` l-avviz ghall-hlas tal-kawtela skond l-Artikoli 209 u 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dana l-avviz, taht il-firma tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, kien jispecifika li l-kawtela kellha tithallas ***"…sa mhux aktar tard minn gurnata qabel id-data tas-smiegh tal-appell tieghek"***.

4. Issa, gara li s-seduta tad-19 ta' Jannar, 2004 giet differita kollha kemm hi, bil-kawzi fuq il-lista ghal dik il-gurnata jitqassmu bejn diversi seduti ohra. Il-kawza fl-ismijiet premessi giet differita ghas-17 ta' Mejju, 2004 fid-9.30 a.m. Dan gara minhabba li l-President ta' din il-Qorti, fid-19 ta' Jannar, 2004, kien okkupat jippresjedi guri fil-Qorti Kriminali.

5. Fl-udjenza tas-17 ta' Mejju, 2004 dehru l-avukati tal-partijiet, u gie kkonstat mill-Qorti li l-kawtela kienet thallset biss fit-12 ta' Mejju, 2004. Dak li trid tiddeciedi din il-Qorti huwa, ghalhekk, jekk il-kawtela thallsitx fit-terminu stabbilit skond il-ligi jew jekk thallsitx tardivament.

6. Id-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi huma l-Artikoli 209(1) u 249(1) tal-Kap. 12. Ta' l-ewwel jipprovdi li ***"Fil-Qorti ta' l-Appell, jekk meta tissejjah il-kawza, jinstab li ma tkunx saret il-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza kif provdut fl-artikolu 249, il-qorti ghandha minnufih tghaddi biex tiddikjara l-appell dezert…"***. Is-subartikolu (1) tal-Artikolu 249, imbaghad, jipprovdi li ***"…fil-kaz ta'***

***appell minn sentenzi jew digrieti moghtija f'kawzi mibdija b'citazzjoni, il-garanzija ghall-ispejjez ghandha ssir u tigi depozitata fil-qorti sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstema' dak l-appell."***.

7. Skond l-abbili difensur tas-socjeta` appellanti l-appell beda jinstema' mhux fid-19 ta' Jannar, 2004 izda fis-17 ta' Mejju, 2004. Huwa ssottometta wkoll, b'referenza ghal dak li jinghad fl-Artikolu 209(1) imsemmi, li l-kawza ssejhet ukoll biss fis-17 ta' Mejju, 2004 u mhux fid-19 ta' Jannar, 2004.

8. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, ma tarax li s-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti hija fondata. Hu evidenti li l-legislatur ried jorbot il-hlas tal-kawtela – jew, ahjar, l-ahhar jum li fih tista' tithallas il-kawtela – ma' data cara u prestabilita, data li ma tkunx tista' tinbidel, per ezempju, minhabba rikors ghal differiment maghmul minn parti jew ohra, jew minhabba cirkostanzi li hadd – anqas il-Qorti – ma jkollu kontroll fuqhom, bhal per ezempju, il-mard ta' xi wiehed mill-Imhallfin komponenti din il-Qorti, jew xi emergenza (ez., theddida ta' bomba fl-edifizzju tal-Qorti) li minhabba fiha l-kawzi jigu differiti minghajr ma jissejhu. Bl-espressjoni ***"…jum qabel ma jibda jinstema' dak l-appell"*** wiehed ghandu neccessarjament jifhem il-jum stabbilit fl-avviz (li jinghata permezz ta' citazzjoni – Art. 152(2), Kap. 12) bhala l-jum iffissat ghas-smiegh tal-kawza. L-espressjoni ***"…jekk meta tissejjah il-kawza…"*** uzata fl-Artikolu 209(1) ma hi ta' ebda ostakolu ghal tali interpretazzjoni. Kull kawza trid tissejjah – mhux biss fl-ewwel jum stabbilit ghas-smiegh izda f'kull jum iehor li ghalih tigi differita, inkluza meta tigi differita ghas-sentenza. Bl-imsemmija espressjoni wzata fl-Artikolu 209(1) il-legislatur ried semplicement jevita sitwazzjoni fejn l-appell jigi dikjarat dezert minghajr ma tissejjah il-kawza – billi jigi dikjarat dezert b'digriet kamerali – kif ukoll sabiex ikun jista' jithaddem il-*proviso* ta' l-imsemmija disposizzjoni.

9. Din l-interpretazzoni hi konfortata b'dak li nghad fil-provvediment moghti minn din il-Qorti – diversament komposta – fil-31 ta' Mejju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet

***Bernardette mart Emmanuel Grech et v. Paul Buttigieg et***. F'dik l-okkazjoni din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk (fuq fatti li, pero`, ma kienux identici ghal dawk odjerni):

**L-appellanti ssottomettew illi l-kawtela ma saritx tardivament stante li l-gurnata li tiffissa l-ligi u li qabilha trid issir il-kawtela hija <u>l-gurnata tas-smiegh</u> u mhux il-gurnata tat-tqeghid fuq il-lista. Il-Qorti fil-verita` ma tarax li din is-sottomissjoni hi fondata. Id-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Marzu 1996 li bih il-partijiet gew ordnati biex jihdru quddiemha jghid esplicitament illi "l-qorti ffissat <u>is-smiegh</u> ta' din il-kawza" ghall-jum minnha stabbilit. Li kieku l-kawza ssejhet dak in-nhar biex tinstema' u fil-fatt sar is-smiegh kien qabel xejn jigi kostatat il-fatt li ma kienx sar id-depozitu in kawtela ta' l-ispejjez u li ghalhekk kien jidher li l-appell kien dezert. Ma nghatax id-digriet ta' dezerzjoni seduta stante mhux ghax ma sarx is-smiegh tal-kawza imma b'deferenza ghall-partijiet u l-avukati taghhom biex tinghatalhom l-opportunita` li jirregolaw ruhhom in materja.**

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, id-depozitu tal-kawtela fil-kaz odjern ma sarx skond il-ligi u skond dak dispost fl-Artikoli 209 u 249 imsemmija, u dan billi l-imsemmi depozitu kellu jsir mhux aktar tard minn jum qabel id-19 ta' Jannar, 2004 u mhux, kif effettivament sar, fit-12 ta' Mejju, 2004. Konsegwentement il-Qorti tiddikjara l-appell dezert u tordna l-kancellament tieghu minn fuq il-lista. Spejjez ghas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------